# 55. Ir-Riħ w Il-Hemm

Ir-riħ qed jingħi w b'nefħa felġanija
jaħtaf u jtajjar mingħajr l-ebda ħniena
weraq, widien u tjur, qlugħ bajdanija,
sarsi w antinni, wil-leħen tal-qanpiena.

Il-hemm tal-ħajja wkoll b'nefħa qawwija
qed jaħtaf saħħa w sliem b'idejh tal-ħjiena,
u jġib minn flokhom dwejjaq u tbatija,
u jiżra' s-slaleb fuq tajbin u ħżiena.

Onfoħ, onfoħ, ja riħ, tiegħek l-infiħa
għanja ta' ninni ninni ħdejn in-nieqa
tal-ħajja l-ġdida flok il-ħajja x-xiħa;

Iżd'int, ja Hemm tal-Ħajja, xi trid tfisser
bil-mard, bil-ġuħ, bl-uġigħ, bil-mewt, bid-diqa?
għalfejn tibni l-inkwiet u l-hena tkisser?